MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1461/1998/1

**Mario Cutajar**

**vs**

**Peter Borg**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa fil-11 ta’ Mejju 1997 kien ghaddej biz-ziemel u karrettun tieghu gewwa Triq Dun Karm B’Kara fid-direzzjoni propja tieghu tat-triq;

Illi l-konvenut waqt li kien qed isuq il-van tieghu LAA-785 bil-hsieb li jaghmel hsara volontarja fuq l-attur, iz-ziemel u l-karrettun, rass u dahal go l-attur li per konsegwenza dan inqaleb fuq in-naha l-ohra tat-triq biz-ziemel u bil-karrettun b’kollox bil-konsegwenzi kollha;

Illi l-attur sofra danni li jinkludu z-ziemel, li konsegwenza ta' l-incident kellu jinqatel, tiswijiet fil-karrettun u ukoll spejjez ohra li l-attur kellu jaghmel minhabba d-danni li huwa sofra, liema danni jammontaw komplessivament ghal elf u hames mitt lira maltin (LM1500);

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti:-

Tikkundana lill-konvenut bhala l-persuna responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fl-incident tal-11 ta' Mejju 1997 gewwa Triq Dun Karm Birkirkara fejn il-konvenut volontarjament tajjar bil-vettura tieghu lill-attur biz-ziemel u l-karrettun tieghu.

Tikkundana lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati fl-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm 1,500) lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngiunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent ma kien b'ebda mod responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u ghalhekk, m'hemm l-ebda obbligu ghall-hlas ta' danni konsegwenzjali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2001;

Ikkonsidrat :

L-attur qed jallega li fil-11 ta' Mejju 1997, fi Triq Dun Karm B'Kara, waqt li huwa kien ghaddej biz-ziemel u karrettun tieghu, il-konvenut, li kien qed isuq il-van tieghu numru ta' registrazzjoni LAA 785, rassu u dahal go fih u dana volontarjament u bil-hsieb li jaghmillu hsara volontarja ghar-rigward tal-persuna tieghu u ghar-rigward taz-ziemel u karettun tieghu. Bhala konsegwenza ta' dan kollu huwa inqaleb u ghalhekk sofra danni konsistenti principalment li z-ziemel kellu jinqatel, u l-karrettun kellu jissewwa oltre danni ohra;

L-attur fic-citazzjoni jallega li d-danni kollha komplessivament jammontaw ghal elf u hames mitt lira maltin (LM1500). Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghal dawn id-danni u li dawn l-istess danni jigu likwidati fis-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm 1,500);

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li huwa ma kien b'ebda mod responsabbli ghall-incident in kwestjoni;

Il-partijiet, ovvjament, joffru versjonijiet kontrastanti ta' kif graw il-fatti u kif sehh l-incident;

L-attur, li kien riekeb il-karrettun migbud miz-ziemel tieghu u li mieghu fuq il-karrettun kellu riekeb lill-huh Joseph Cutajar, jghid li ra l-konvenut gej bil-van tieghu b'velocita' qawwija. Il-konvenut rass diversi drabi l-karrettun u kompla jsegwih dejjem b'velocita' qawwija. Hin minnhom il-konvenut resaq mal-karrettun u laqtu. Il-konvenut kompla jimbotta l-karrettun biz-ziemel b'kollox u bhala konsegwenza ta' dan iz-ziemel bil-karettun u bl-attur fuqu waqa ghal livell taht it-triq minn fejn kienu qghdejin;

Da parti tieghu l-konvenut jghid li huwa kien qed isuq il-van tieghu meta ra l-ahwa Cutajar gejjin fuq karrettun migbud minn ziemel. Il-konvenut qal li l-attur lebbet iz-ziemel sabiex dar qabblu ghall go Triq it-Torri. Ghalhekk, meta huwa dar ghall-imsemmija triq, huwa kien ghaddej wara l-attur. Ra li z-ziemel ma kienx miexi bil-galbu, tant li huwa pprova jaqla lill-ahwa Cutajar pero z-ziemel kien

qed isallab. Kif il-karettun dar ghal Triq San Giljan, iz-ziemel qabez ghal gol-ghelieqi li hemm taht it-triq;

Hu aktar verosimili dak li jghid l-attur;

Jirrizulta li l-gurnata ta qabel kien sehh incident bejn l-attur u huh minn banda u t-tfal tal-konvenut mill-banda l-ohra. In effett it-tfal tal-konvenut kienu rekbin fil-van ta' missierhom meta sehh dan l-incident in kwestjoni. Jidher li l-konvenut u t-tfal tieghu hargu appuntu biex b'xi mod jikkonfrontaw lill-attur u huh;

Dak in-nhar li sehh dan l-incident kien il-Hadd u kien kmieni filghodu u ghalhekk zgur li ma kienx hemm traffiku. Inoltre jidher li z-ziemel li kien bih l-attur kien imdorri sewwa fit-triq. Ghalhekk ma hmm ebda raguni plawsibbli ghala, kif jghid il-konvenut, iz-ziemel ma kienx ghaddej bil-galbu u kien qed iserrep. Il-probabilita' hi li z-ziemel ma kien qed iserrep xejn u kien biss ghaliex il-konvenut rass u imbotta l-karrettun b'kolox li sehh dan l-incident. Hu minnu li bin il-konvenut, li kien riekeb fil-van ta' missieru, jghid li z-ziemel kien sejjer l'hemm u l'hawn ghaliex l-attur kien qed isawtu. Dana pero' mhux konfermat mill-istess konvenut, li fl-ebda hin ma jghid li ra l-attur isawwat iz-ziemel;

Hu ukoll inverosimili li l-attur biz-ziemel u l-karettun ghaggel aktar mill-konvenut li kien qed isuq vettura. Inoltre jirrizulta li fuq il-karrettun kien hemm grif u sinjali ta zebgha bajda u abjad kien il-van li kien qed isuq il-konvenut. Dan hu indikattiv li in effett il-vettura misjuqa mill-konvenut laqtghet il-karrettun tal-attur;

Ghalhekk jirrizulta b'mod sufficjenti li fil-11 ta’Mejju 1997 l-attur kien ghaddej biz-ziemel u karrettun tieghu gewwa triq Dun Karm, Birkirkara u l-konvenut waqt li kien qed isuq il-van tieghu LAA 785 bil-hsieb li jaghmel hsara volontarja fuq l-attur, iz-ziemel u l-karrettun rassu, dahal go fih u imbuttah u bhala konsegwenza l-attur, biz-ziemel u l-karettun baqa niezel go l-ghelieqi li hemm f'livell akatr

l'isfel minn l-istess triq. Bhala konsegwenza ta' dan l-icident l-attur sofra hsarat fil-karrettun u z-ziemel finalment kellu jinqatel wara li l-istess attur ittanta jikkurah;

Jirrizulta li l-attur xtara z-ziemel ghas-somma ta' Lm1,200 f'Settembru 1996 u cioe' xi tmien (8) xhur qabel l-incident in kwestjoni. Il-Qorti ghalhekk qed tivvaluta "arbitrio boni viri" li fiz-zmien tal-incident iz-ziemel kien jiswa elf liri maltin (Lm1000). Minn din is-somma trid titnaqqas is-somma ta' mitt liri maltin (Lm100) cioe k'hemm l-attur bieh iz-ziemel ghall-lahmu. Il-hsarat fil-karrettun, biz-zebgha b'kollox, jirrizultaw li kienu jammontaw komplessivament ghas-somma ta' mitejn u sittin liri maltin (Lm260) Jirrizulta ukoll li l-attur nefaq is-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40) ghall-kura taz-ziemel qabel ma dan inqatel. Ma hemmx dubju li dan l-ammont hu wiehed ragjonevoli. Konsegwentement id-danni kollha sofferti mill-attur jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elf u mitejn liri maltin (Lm1200) u cioe' Lm1000 - Lm100 + Lm260 + Lm40;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda filwaqt li t-talbiet attrici ser jigu akkolti in parte invista tal-likwidazzjoni tad-danni. Id-danni sofferti mill-attur ghandhon jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' elf u mitejn liri maltin (Lm1200);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa in parte t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fl-incident tal-11 ta’ Mejju 1997 gewwa Triq Dun Karm Birkirkara fejn il-konvenut volontarjament tajjar bil-vettura tieghu lill-attur biz-ziemel u l-karrettun tieghu; tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' elf u mitejn liri maltin (Lm1200) u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-istess somma ta' Lm1200 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut, nonostante li mhux id-danni kollha kif reklamati mill-attur gew effettivament akkordati lilu.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------